**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**Appell Numri: - 400/2022/1**

**401/2022/1**

**402/2022/1**

Illum, 15 ta' Diċembru 2023

**IL-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**VS**

**Mario Bartolo**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Bartolo tal-31 ta' Ottubru 2023 sabiex din il-Qorti tissosspendi is-smigħ tal-appell minnu ntavolat u dan sakemm ikun hemm l-eżitu ta' kawza kostituzzjonali minnu ntavolata, kopja tar-rikors kostituzzjonali eżebit bħala Dokument A1, billi l-eżitu ta' dik il-kawża jista' jinċidi fuq il-mertu ta' dan l-appell.

Rat illi kemm l-Avukat Ġenerali, kif ukoll il-parti leża oġġezzjonaw għal din it-talba.

Semgħet sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti hija fid-dover illi tagħmel tirrigwarda, b'mod ġenerali il-kwistjoni intrinsika tal-portata ġuridika tat-talba għas-soprassessjoni magħmula mill-appellant u dan sabiex hija tieqaf mill-operat tagħha sakemm tkun deċiża l-lanjanza kostituzzjonali tiegħu.

Issa s-soprassessjoni bħala istitut veru u proprju kien espressament introdotta fl-ordinament ġuridiku tagħna bis-saħħa ta'l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li jiddisponi hekk:

> **"Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."**

Dan kollu necessarjament jimplika soprasessjoni meta jikkonkorru iċ-ċirkostanzi ravviżati f'dina d-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni.

> **"Pero sabiex il-proceduri ordinarji ma jigux indebitament intralcjati u il-funzjonament taghha ipparalizzat is-subartikolu 5 ta'l-artikolu 45 jiddisponi li ma hemmx dritt ta' appell jekk kemm il-darba il-qorti li quddiemha tigi issollevata kwistjoni kostituzzjonali tiddeciedi illi dak it-tqanqil ikun semplicement frivolu u vessatorju.**
>
> **Ghalhekk din is-soprasessjoni tavvera ruhha <u>biss</u> meta (a) quddiem xi qorti – barra il-Prim'Awla tal-Qorti Civli u il-Qorti Kostituzzjonali – tigi sollevata kwistjoni kostituzzjonali u (b) dik il-kwistjoni ma tkunx fil-fehma ta' dik il-Qorti la frivola u/jew vessatorja, u f'dawk ic-cirkostanzi ghalhekk u f'dawn ic-cirkostanzi biss hija obbligata s-soprasessjoni..**[1]**"**

[1] Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et – Qorti Kost. 12/08/1994

Dan ifisser allura illi is-soprassessjoni tal-proċeduri ordinarji hija obbligatorja **biss** sakemm dak it-tqanqil ikun sar quddiem din il-Qorti. Altrimenti dik is-setgħa hija wahda diskrezzjonali u fakoltattiva, iżda mhux tassattiva.

Dan għaliex ir-rimedju tas-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju u għandu jkun applikat b'mod restrittiv billi minn natura tiegħu iservi bħala stultifikazzjoni tal-proċess gudizzjarju u tas-sistema tal-ġustizzja fi żmien raġjonevoli. Illi dan il-ħsieb kien affermat kemm il-darba mill-qrati tagħna.

Illi f'dan il-każ taħt il-lenti tagħha, il-Qorti tqies illi t-talba magħmula mill-imputat hija għal kollox vessatorja u dan għaliex fl-ewwel lok waħda mill-lanjanzi tiegħu diġa' kienet determinata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza *Il-Pulizija vs Joseph Muscat*, u *di piu'* jekk l-appellant kien fl-impossibbilita' li jkompli jaderixxi ruħu mal-obbligi kontrattwali minnu assunti huwa kellu aċċess għal forum kompetenti sabiex l-ilment tiegħu ikun mismugħ.

Għal dawn il-motivi,għalhekk it-talba ta'l-imputat qed tiġi miċħuda u il-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell skont il-liġi.

Edwina Grima

Imħallef